

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2022/1208**tat-12 ta' Lulju 2022****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2866/98 dwar ir-rata tal-konverżjoni għall-euro għall-Kroazja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 140(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2866/98 ⁽²⁾ jiddetermina r-rati tal-konverżjoni bejn l-euro u l-muniti tal-Istati Membri li jadottaw l-euro mill-1 ta' Jannar 1999.
- (2) Skont l-Artikolu 5 tal-Att tal-Adeżjoni tal-2012, il-Kroazja hija Stat Membru b'deroga fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 139(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
- (3) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1211 ⁽³⁾ dwar l-adozzjoni fl-1 ta' Jannar 2023 tal-euro mill-Kroazja, il-Kroazja tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni tal-euro u d-deroga tal-Kroazja titħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2023.
- (4) L-introduzzjoni tal-euro fil-Kroazja teħtieġ l-adozzjoni tar-rata tal-konverżjoni bejn l-euro u l-kuna Kroata. Jenħtieġ li din ir-rata tal-konverżjoni tiġi ffissata għal 7,53450 kuni għal kull euro, li jikkorrispondi għar-rata ċentrali kurrenti tal-kuna fil-mekkaniżmu tar-rata tal-kambju (ERM II).
- (5) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 2866/98 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2866/98, jiddaħħal dan li ġej bejn ir-rati tal-konverżjoni applikabbli għall-frank Franċiż u l-lira Irlandiża:

“= 7,53450 kuni Kroati”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
Z. STANJURA

⁽¹⁾ L-Opinjoni tal-4 ta' Lulju 2022 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2866/98 tal-31 ta' Diċembru 1998 dwar ir-rati tal-konverżjoni bejn l-euro u l-muniti tal-Istati Membri li jadottaw l-euro (ĠU L 359, 31.12.1998, p. 1)

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1211 tat-12 ta' Lulju 2022 dwar l-adozzjoni mill-Kroazja tal-euro fl-1 ta' Jannar 2023 (ara paġna 31 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).